**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., ( Can )**

**Appell Numru: 524 / 2022**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Steve Frendo**

Illum, 18 t' April, 2023

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat Steve Frendo, iben Bernard u Natalina nee' Ciantar, imwieled id-9 t' April, 1998, u residenti 64, Triq il-Kurunell Lorenzo Manche, Pembroke u detentur tal-karta tal-identita' numru 179388 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'rizoluzzjoni wahda, ghax-xhur ta' April 2022, Mejju 2022 u Ġunju 2022:

(1) Meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas milli jagħti lil Roxanne Frendo u/jew lill-uliedu is-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-uliedu fi żmien hmistax-il jum (15) minn dak il-jum li fih, skond 1-ordni jew dak il-kuntratt ikollha tithallas is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal- ta' Dicembru, 2022, fejn il-Qorti rat l-Artikoli 338 (z), 18 u 31 tal-Kodiċi Kriminali tal-Liġijiet ta' Malta:

Sabet illi imputat Steve Frendo hati tal-imputazzjoni kif miġjuba kontra tiegħu u konsegwentement kkundannatu għal tlett xhur priġunerija (3) effettivi.

Rat ir-rikors tal-appellanti Steve Frendo minnu pprezentat fil-5 ta' Dicembru, 2022, fejn talab lil din il-Qorti sabiex:

1) Tilqa' dan l-appell u Tirrevoka, Thassar u Tannulla in toto s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali datata 5 ta' Dicembru 2022 permezz ta' liema l-Qorti kkundannat lill-appellant il-piena ta' tlett xhur prigunerija u minflok tilliberah minn kull htija u piena; u

2) Okkorendo jekk ikun il-kaz, subordinatament tipprovdi ghall-piena inqas u idoneja, tenut kont ic-cirkustanzi tal-kaz, u li fil-kaz li din l-Onorabbli Qorti ssib lill-esponent hati ta' akkuza, din l-Onorabbli Qorti ghandha flok piena karcerarja tapplika punizzjonijiet ohra skont il-ligi.

Bl-ispejjez tal-prima istanza u ta' dan l-appell ghandha tbatihom l-appellata Roxanne Frendo.

Rat illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

i) Illi hija l-fehma umli tal-appellant li l-Ewwel Qorti ma setghetx ragonevolment issib htija fil-konfront tal-appellant u dan ghar-ragunijiet li ser jigu hawn esposti;

ii) Illi l-Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti u ghalhekk waslet ghall-applikazzjoni zbaljata tal-ligi meta skartat il-prova tal-appellant, kif ikkorroborata minn martu Roxanne Frendo fil-Qorti, u cioe' li l-fatti juru b'mod car illi l-appellant kien ghamel tentattiv sabiex ihallas il-manteniment lil Roxanne Frendo, izda kienet hi stess li ma accettatx il-manteniment. Fl-affidavit tal-ispettur PC 678 datat 26 ta' Ottubru 2022, l-appellant kien stqarr illi *'hu ma setghax jaghmel bank transfer kif kienet talbet bil-fomm is-Sinjura Frendo. Ghaldaqstant kien mar fl-indirizz ta' Roxanne bil-flus cash izda l-istess flus ma kienux accettati minnha'*. Dan kien ikkonfermat minn Roxanne Frendo.

iii) Illi huwa car illi Roxanne Frendo ma accettatx il-hlas tal-manteniment sempliciment ghax ma qablitx mal-metodu tal-hlas, liema raguni hija totalment irrizorja u abbuziva, stante illi kienet hi stess illi mbaghad irrapurtat lill-appellant ghan-nuqqas ta' hlas ta' manteniment.

iv) Illi huwa car u ovvju illi din kienet manuvra ppjanata minn Roxanne Frendo sabiex taghmel vendikazzjoni fuq l-appellant, illi wara kollox, huwa xorta prova jaghmel id-dover tieghu ta' missier u ghamel kull mezz li seta' biex ihallas il-manteniment, minkejja li qed ihallas wahdu lil xi kredituri tan-negozju li taghhom hija responabbli il-komunjoni tal-akkwisti.

v) Illi ma kien hemm l-ebda qbil bejn l-appellant u Roxanne Frendo dwar il-metodu ta' hlas, specjalment stante illi ghadhom ghaddejjin proceduri gudizzjarji ghas-separazzjoni personali taghhom. Lanqas ma hemm indikazzjoni dwar il-metodu tal-hlas skont id-digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) datat l-1 ta' April 2022.

vi) Illi huwa ben car illi Roxanne Frendo qed taghmel kull tentattiv biex tivvendika ruhha kontra l-appellant, billi qed taghmel allegazzjonijiet foloz mal-ispettur u tgholli r-rata ta' manteniment, kontra dak li ntqal fid-digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja), u sahansitra qieghdha ccahhad l-access ta' ulied l-appellant, tant illi l-appellant kellu jiehu passi gudizzjarji sabiex ikun jista' jezercita l-access fuq uliedu.

vii) Illi l-appellant qieghed jipprova jaghmel milli jista' sabiex ihallas l-manteniment minkejja illi huwa jinsab minghajr xoghol u qieghed ihallas djun tal-kredituri tal-kommunjoni tal-akkwisti tieghu u ta' Roxanne Frendo, minghajr ebda ghajnuna da parti l-istess Roxanne Frendo, liema djun huma pagabbli da parti taghha wkoll.

Rat dak li gie verbalizzat waqt is-seduta tat-28 ta' Frar, 2023, fis-sens illi Il-kwerelanti Roxanne Pace iddikjarat li hija thallset ghas-saldu ghax-xhud t' April, Mejju u Gunju 2022 u ddikjarat ukoll li in konnessjoni ma din il-kawza m'ghadx ghandha pretensjonijiet ulterjuri fil-konfrornt tal-appellant

Semghet lill-partijiet jittrataw ir-rikors tal-appell u dan fis-seduta tat-28 ta' Frar 2023.

**Ikkunsidrat,**

Illi din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Raymond Cutajar[1] kienet irriteniet testwalment hekk :-

> ......"Din il-Qorti wara li rat is-sentenzi (***Pol. vs.Lawrence Cutajar***[2] - u ***Pul. vs. CarmeloFarrrugia***[3]) *u wara li rat l-argumenti kollha migjuba mill-appellant fir-rikors tieghu hi tal-fehma li ma tistax taqbel mall-appellant. Ordni ghall-hlas ta'manteniment kontenut f'Digriet moghti mis-Sekond' Awla jibqa' validu ghall-fini w effetti kollha tal-art. 338(z) ………kemm il-darba ma jkunx irrizulta li dak id-Digriet gieespressament revokat jew altrimenti mibdul mill-istessSekond' Awla u salv il-prova tar-rikonciljazzjoni jew ta'dikjarazzjoni ta' Qorti ohra kompetenti li dak id-Digriet jewdak l-ordni kien null . "*
>
> *"Ghall-finijiet tal-imsemmi art. 338(z) hu bizzejjed li l-Prosekuzzjoni tipprova :-*
>
> 1. *li nghata ordni minn Qorti ghall-hlas ta'manteniment (billi ggib kopja legali tad-Digriet bhal ma sar f'dan il-kaz, jew kieku si tratta ta' ordnikontenut f'sentenza, kopja legali tas-sentenza relattiva.)*
> 2. *li dak il-manteniment ma thallasx fi zmienhmistax (15) il-jum minn dak il-jum li fih skond l-ordni, kellha tithallas is-somma ."*

---

[1] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar id-9 ta' Settembru 2019

[2] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-10 ta' Marzu 1995

[3] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-23 ta' Jannar 1998

*Ikun jispetta umbaghad lill-akkuzat li jipprova, jekk irid, u fuq bazi ta' probabbilita' li dak l-ordni kien gie revokat jew mibdul jew dikjarat null mill-Qorti kompetenti jew li kienet saret rikonciljazzjoni . "*

Dik il-Qorti ghamlet ukoll riferenza ghal sentenza ohra taghha diversament preseduta fil-kawza **Il-Pulizija vs. Mario Mallia**[4] fejn ukoll gie ritenut :-

*"....ghal finijiet ta' kawza penali meta l-imputazzjonitipotizza r-reat kontravenzjonali filparagrafu (z) tal-Artikolu 338 tal-Kap.9, hu rrilevanti meta giet intavolata l-kawza ta' separazzjoni jew jekk intalbitx o meno proroga tad-digriet originali; galadarba l-ordni kontenut f' dak id-Digriet ma kienx gie espressament revokat jew altrimenti mibdul mill-istess Sekond' Awla jew mill-Prim' Awla (u salv il-prova ta' rikonciljazzjoni jew ta'dikjarazzjoni ta' Qorti ohra kompetenti li dak id-digriet jew dak l-ordni kien null) lordnighall-hlas tal-manteniment jibqa' validu ghall-finijiet u effetti kollha tal-artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali -- ara f'dan is-sens "**Il-Pulizija vs. Lawrence Cilia**[5] ,**u l-Pulizija vs. Carmelo Farrugia**[6], Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi respint."*

Illi kif irriteniet din il-Qorti fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Alfred Camilleri**[7] fejn ghamlet riferenza ghal sentenza ohra ta' din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta, **(Pul. vs. Anthony Saliba**)[8], fejn ikun hemm kambjament fic-cirkostanzi bhal l-kaz ta' persuna li tisfa' bla xoghol, dan ma jiskuzahiex mill-obbligu taghha li twettaq id-Digriet

[4] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-8 ta' Mejju 1998

[5] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-10 ta' Marzu 1995

[6] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-23 ta' Jannar 1998

[7] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-18 ta' Settembru 2002

[8] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-15 ta' Lulju 1998

tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili, obbligu sancit bir-reat ta' natura kontravenzjonali li tahtu hu akkuzat l-appellant.

Ir-rimedju li ghandu u li kellu l-appellant kien li jadixxi tempestivament u fi zmien utili lill-Qorti Civili kompetenti biex din, wara li tiehu konjizzjoni tal-provi, tipprovdi billi se mai timmodifika l-ordni dwar il-manteniment. U biss wara li jottjeni tali modifika, li jkun jista' jhallas inqas jekk ikun il-kaz. Sakemm dan isir, jibqa' marbut bl-obbligu tal-hlas skond l-ewwel Digriet.

Fid-dawl ta' din il-gurisprudenza u bl-istess mod din il-Qorti ma tistax tikkondona l-kondotta unilaterali tal-appellant meta ddecieda li ma jhallas xejn u ghalhekk hi tal-fehma li l-appellant kien instab hati gustament mill-Ewwel Qorti tal-kontravvenzjoni dedotta kontra tieghu.

Il-Qorti ghalhekk qieghda tichad l-appell fir-rigward tal-mertu pero' qieghda timmodifika s-sentenza moghtija mill-Ewwel Qorti fir-rigward tal-piena billi minflok il-piena inflitta, sejra tillibera lill-akkuzat appellant taht kundizzjoni li ma jghamilx reat iehor ghall-perjodu ta' sena millum ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Consuelo-Pilar Scerri Herrera**
**Imhallef**

**Vera Kopja**

**Adrian Micallef**
**Deputat Registratur**